**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 01/21**

**20 ta' Jannar 2021**

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

# Il-KTP tilqa' l-addozzjoni tal-proposti tagħha fid-diskors parlamentari li introduċa l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kostruzzjoni

Il-Kamra tal-Periti tirrikonixxi l-introduzzjoni fil-Parlament tal-Abbozz ta' Liġi li ser iwaqqaf l-Awtorità dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni ilbieraħ bħala tappa important mistennija għal ħafna żmien. Tikkongratula lis-Segretarju Parlamentari Chris Agius għal dan il-pass important u twiegħed il-kooperazzjoni sħiħa tagħha sabiex l-implementazzjoni tkun waħda ta' success.

Il-Kamra hija sodisfatta illi l-Abbozz kien influenzat pożittivament mid-dokument ta' proposti tagħha u l-preżentazzjoni li kien tat f'Marsu li għadda lill-Kumitat Tekniku mwaqqaf mill-Prim Ministru, evidenzjat mill-fat li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet jidher li fil-prinċipju ġew milqugħha.

Fil-fatt fid-diskors tiegħu, l-Onorevoli Agius semma kważi l-prinċipji kollha fid-dokument tal-Kamra: *A Modern Building and Construction Regulation Framework for Malta*. Dan kien mument ta' sodisfazzjoni kbir għal Kamra u għall-professjoni, li kienet approvat il-qafas tal-Kamra fi tliet Laqgħat Ġenerali konsekuttivi.

Il-Kamra ser tressaq żiedet għal dan l-Abboz maħsuba sabiex issir iktar enfasi fuq id-distinzjoni bejn ir-regolamenti tal-bini, li jkopru l-istandards ta' diżinn li jaqgħu fir-responsabbiltà tal-periti u l-inġiniera, u r-regolamenti tal-kostruzzjoni, li jkopru s-sigurtà, metodoloġija u proċessi ta' kostruzzjoni li jaqgħu fir-responsabbiltà tal-kuntratturi.

Din id-differenzazzjoni hija parti integrali mill-għaxar prinċipji fundamentali li fuqhom huwa mibni d-dokument dwar il-qafas regolatorju u li fuqu kien hemm diġà qbil mal-Gvern fl-Ittra ta' Impenn tat-2 t'Awwissu 2019. Il-Kamra tħares 'il quddiem sabiex tikkolabora mal-Gvern mill-jiem li ġejjin sabiex tindirizza dan biex b'hekk il-pajjiż ikun mogħni bl-aħjar leġislazzjoni possibli fis-snin li ġejjin: u dan fl-interess tas-saħħa pubblika.

Huwa important li jiġi enfasizzat, iżda, illi l-approvazzjoni ta' dan l-Abbozz jirrappreżenta l-ewwel minn ħafna tappi matul il-vjaġġ li għad trid tgħaddi minnu sabiex timmodernizza ruħha u tilħaq standards Ewropej.

Is-suċċess ta' dan il-vjaġġ ser jiddependi mill-kwalità tar-regolamenti u leġislazzjoni sussidjarja li ser isegwu dan l-Att. Il-Kamra tawgura li dawn ir-regolamenti ikun iffukati fuq il-prevenzjoni ta' inċidenti fl-interess tas-saħħa pubblika, iktar milli sempliċement elenku ta' responabbiltajiet sabiex jiġi stabbilit it-tort wara incident. Għal din il-għan, il-professjoni hija ħerqana sabiex tara l-introduzzjoni ta' sistemi kompeteni bbażati fuq l-aħjar prattiċi internazzjonali li jikkonsistu fi proċessi ta' kontroll u permessi tal-bini immirati sabiex jipprevjenu l-inċidenti permezz ta' checks-and-balances integrati, kif ukoll il-liċenzjar ta' operaturi mhux regolamentati.

# L-għaxar prinċipji misjuba f'
# *A Modern Building & Construction Regulation Framework for Malta*

**https://kamratalperiti.org/a-modern-building-construction-regulation-framework-for-malta/**

1. Is-separazzjoni tal-proċessi ta' l-ippjanar minn dawk li għandhom x'jaqsmu mal-proċessi tal-bini;
2. L-introduzzjoni ta' proċessi regolatorji ċari u organiżżati li jippromovu s-sigurta' tal-pubbliku u lkwalita', fl-interess tal-konsumatur, minflok ma dawn ikunu ffukati fuq l-attribuzzjoni tat-tort wara li jkun seħħ inċident;
3. Distinzjoni ċara bejn ir-regolamenti tal-bini (li jkopru x-xogħolijiet permanenti) u r-regolamenti talkostruzzjoni (li jkopru ix-xogħolijiet temporanji);
4. L-Awtorità tal-Bini u tal-Kostruzzjoni li ser titwaqqaf (BCA) għandu jkollha r-rwol konsolidat ta' verifika tal-bini, il-ħruġ ta' permessi tal-bini, l-infurzar u l-monitoraġġ tal-proċessi tal-kostruzzjoni, u t-22, entita' pubblika li sallum għandhom rwoli differenti fil-proċessi jsiru stakeholders ewlenin fittfassil tar-regolamenti u dokumenti ta' gwida;
5. Proġetti kbar u binjiet pubbliċi jiġu soġġetti għal skrutinju indipendenti, b'mod partikolari fir-rigward tad-disinn strutturali u l-ħarsien min-nirien permezz ta' l-introduzzjoni ta' figura professjonali ġdida (Inġinier Awditur);
6. Il-kuntratturi jkollhom il-ħiliet speċifiċi neċessarji, u jkunu kklassifikati u lliċenzjati skond tali ħiliet – huma jkunu responsabbli b'mod sħiħ għall-proċess tal-kostruzzjoni, inkluż il-xogħolijiet temporanji, u għalhekk ikollhom il-pussess tas-sit tal-kostruzzjoni sakemm jitlestew x-xogħolijiet;
7. L-infurzar tar-regolamenti tal-kostruzzjoni jkun ddelegat lil Spetturi tal-Bini u tal-Kostruzzjoni li jkunu lliċenzjati mill-Awtorita' tal-Bini u tal-Kostruzzjoni;
8. Il-kuntratti jkollhom l-obbligu li jiċċertifikaw li x-xogħolijiet huma konformi mad-disinn,u mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjoni;
9. Il-fażi tal-kostruzzjoni jitqies komplut meta l-Awtorità tal-Bini u tal-Kostruzzjoni toħroġ il-Compliance Certificate li, inter alia, jawtorizza li l-bini jkun jista' jibda jintuża; u
10. Isiru testijiet u awdidtjar matul il-ħajja tal-bini skond kif tistipula l-Awtorità tal-Bini u tal-Kostruzzjoni sabiex jiġi żgurat li l-istruttura u l-bini jibqgħu konformi mar-regolamenti tal-bini.